# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhatr il-Gimgha 14 ta' Gunju 2002

Citazzjoni numru 1702/00 AJM

Kawza numru

David Gathergood

Vs

Anchor Bay Leisures Ltd li tiggestixxi l-kumpless Popeye Village u b'digriet tas-7 ta' Novembru 2001 gew kjamati fil-kawza Dr Anthony Gatt M.D. it-Tabib Principali tal-Gvern u Dr Frank Bartolo M.D.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-14 ta' Awissu 2000 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi huwa kienimpjegat fit-taqsima tal-maintenance mas-socjeta' konvenuta fil-kumpless Popeye Village li huwa gestit mill-istess socjeta' konvenuta; illi fl-10 ta' Settembru 1999

huwa kien involut f'incident fuq il-post tax-xoghol waqt li huwa kien qieghed jaghmel xoghol ta' tibjid ossia tpingija ta' figuri fuq il-faccata tar-restaurant li hemm fil-kumpless Popeye Village f'gholi ta' madwar ghaxar pidi; illi huwa gie inkarigat jaghmel dan ix-xoghol mill-maitenance manager tal-kumpless Mario Fenech; illi l-incident de quo sehh unikament minhabba negligenza, traskuragini, nuqqas ta' harsien tar-reglamenti dwar is-sahha u s-sigurta tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol u nuqqasijiet ohra imputabbli unikament lis-socjeta' konvenuta li naqser kompletament milli tipprovdi lill-attur b'safety equipment, anke dak l-aktar baziku, b'makkinarju idoneu li permezz tieghu huwa seta' jaghmel ix-xoghol tieghu minghajr perikolu u b'mod generali naqset milli tipprovdi lill-attur ambjent tax-xoghol illi jhares u jassikura s-sahha u s-sigurta tieghu; illi kawza tal-incident inkwistjoni l-attur sofra danni ngenti konsistenti kemm f'damnum emergens u kif ukoll f'lucrum cessans stante illi l-istess attur qieghed jsofri minn debilita' permanenti b'rizultat tal-istess incident kif ser jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi s-socjeta' konvenuta giet debitament interpellata biex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha spettanti lill-attur anke permezz ta' ittra ufficjali datata 21 ta' Lulju 2000 izda din baqghet inadempjenti talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara illi l-incident li sehh fl-10 ta' Settembru 1999, fuq il-post tax-xoghol, f'liema incident l-attur sofra danni konsistenti kemm f'damnum emergens kif ukoll f'lucrum cessans stante li b'rizultat tal-istess incident l-attur qieghed jsofri minn debilita' permanenti, sehh unikament minhabba negligenza, traskuragini, nuqqas ta' harsien tar-regolamenti inkluz dawk rigwardanti s-sahha u s-sigurta tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol u nuqqasijiet u tortijiet ohra imputabbli unikament lis-socjeta' konvenuta;

2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'rizultat tal-incident de quo, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta biex thallas lill-attur dik is-somma in linea ta' danni kif likwidati.

l-ispejjes kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Lulju 2000 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-attur.

Rat in-nota tas-socjeta'konvenuta presentata fis-17 ta' Ottubru 2000 li permezz taghha eccepiet:-

1. illi l-ewwel talba attrici ghandha tkun michuda stante li l-incident de quo gara unikament htija tal-attur innifsu. Ghal kaz in ezami s-socjeta' konvenuta qed tinvoka d-difiza *volenti non fit injuria.*
2. Illi t-tieni talba ghandha tkun respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favr l-attur.
3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tigi rigettata stante li s-socjeta' eccipjenti m'ghandhiex tkun kundannata thallas danni lill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat in-nota ta' Dr Anthony Gatt MD presentata fis-17 ta' Dicembru 2001 li permezz taghha eccepixxa:-

1. illi t-talbiet attrici nkwantu diretti kontrih huma nsostenibbli u l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li

c-citazzjoni odjerna m'ghandhiex fiha tifsir car u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba/talbiet fil-konfront tal-eccipjentu dan kif jiddisponi l-artikolu 156 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta abbinat mal-artikolu 789 (c) u (d) tal-istess Kap 12.

2. Subordinatament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-eccipjent mhux responsabbli ghall-incident de quo u ghad-danni konsegwenzjali allegatament sofferti mill-attur (ghalkemm irid jinghad illi wara kollox mhux qed jigi allegat hekk fil-konfront tal-eccipjenti.)

Rat in-nota tat-Tabib Principali tal-Gvern u ta' Dr. Frank Bartolo tas-26 ta' Dicembru 2001 li permezz taghha eccepew:-

1. Illi huma ma humiexlegittimi kontraditturi u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-fatti esposti fic-citazzjoni ma jirreferu xejn ghall-eccipjenti u dana bi ksur tal-artikolu 156.
2. Illi subordinatament l-istess konvenuti ma humiex legittimi kontraditturi u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li dawn ma kienux responsabbli ghall-incident deskritt mill-attur.
3. Illi huma ma jirrispondux ghad-danni reklamati stante li fil-konfront tat-Tabib Principali tal-Gvern lanqas biss giet allegata 'culpa in eligendo' u fil-konfront ta' Dr Bartolo huwa responsabbli mill-amministrazzjoni gornaliera tar-rizorsi tal-Isptar San Luqa u bl-ebda mod ma hu involut jew responsabbli direttament jew indirettament fid-diagnosi jew trattament ta' pazjenti fl-istess sptar.

Rat il-verbal tal-udjenza ta' l-1 ta' Marzu 2002 meta sar qbil li qabel xejn jigu tarttati u decizi l-eccezzjonijiet sollevati mill-kjamati in kwaza.

Hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Ittrattat l-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' April 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq dan l-incident ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:

Fil-mori ta' dawn il-proceduri li jikkoncernaw talba ghad-danni rizultanti griehi sofferti bhala rizultat ta' incident fuq il-post tax-xoghol irrizulta ossia deher li seta' kien hemm responsabbilita' ta' terzi persuni ghad-danni li sofra l-attur, senjatament it-tabib kuranti ta' l-attur u l-Isptar fejn kien gie rikoverat wara l-incident. Kien ghalhekk li, b'rikorsipprezentata fl-20 ta' Awissu 2001, l-attur talab il-kjamata in kawza tal-persuni fuq indikati billi, gie allegat fl-imsemmi rikors li huwa kien sofra danni bhala rizultat ta' "*kura hazina, inidonea u ineffikaci illi huwa rceva fit-taqsima tal-Emergenza tal-Isptar San Luqa."*.

Dan ir-rikors gie notifikat lill-kontro parti li rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti li b'digriet tas-7 ta' Novembru 2001 laqghet it-talba. Issa l-kjamati in kawza qed jitolbu li jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju billi c-citazzjoni li giet notifikata lilhom hija nieqsa mir-rekwiziti kontemplati fl-artikolu 156 tal-Kap 12 abbinat mal-artikolu 789(c) u (d) tal-istess Kap 12.

L-artikolu 156 li jiddisponi x'ghandu jkun fiha citazzjoni, fost affarijiet ohra jipprovdi li din ghandha jkollha tifsira cara u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba. Imbaghad l-artikolu 789 li jitkellem dwar l-eccezzjoni

ta' nullita' ta' atti gudizzjarji jiddisponi fil-paragrafu (c) li tali nullita' tista' tigi eccepita jekk fl-att *ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullita', kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullita', pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat*. Il-paragrafu (d) tal-istess artikolu jiddisponi li tali eccezzjoni tista' tinghata wkoll jekk l-att *ikun nieqes minn xi partikolarita' essenzjali espressament mehtiega mil-ligi.*

Fil-kaz in ezami izda jidher li l-kjamati in kawza mhux qed jeccepixxu n-nullita' tac-citazzjoni billi wkoll din l-eccezzjoni ma kienetx tkun fondata stante li meta giet intavolata l-kawza, l-att promotorju kellu, ghal anqas fir-rigward tal-konvenut originali, l-elementi kollha rikjesti mill-ligi fl-artikolu 156 tal-Kap 12. Infatti l-kjamati in kawza qed jghidu biss li huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju billi l-premessi fic-citazzjoni u sahansitra t-talbiet huma indirizzata lejn parti wahda u cioe s-socjeta' konvenuta li kienet timpjega lill-attur fid-data tal-incident. Fil-fatt naraw li din il-Qorti qed tigi mitluba li tiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni rizultanti mill-istess incident. Ghalhekk, kif inhuma maghmula t-talbiet, din il-Qorti qatt ma tista' issib terza persuna responsabbli ghalkemm tista' alternattivament ssib li s-socjeta' konvenuta ma kienetx responsabbli ghall-akkadut, kif fil-fatt qed jigi eccepit mill-istess socjeta'.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija u bic-citazzjoni kif tinsab formulata, din il-Qorti hija tal-fehma li l-eccezzjoni sollevata mill-kjamati in kawza hija fondata u ghalhekk qed tigi milqugha u konsegwentement tillibera lill-istess kjamati in kawza kollha mill-osservanza tal-gudizzju dan pero'

bla pregudizzju ghal dak kull talba futura li tista' ssir kemm-il darba l-attur jottempera ruhu mal-provedimenti tal-ligi.

Bl-ispejjes ta' dan l-incident ghall-attur.

Onor Imhallef Albert J. Magri